*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**l-Erbgħa 4 ta'Novembru 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI:**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**18.1** ***Qari t'apoloġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**18.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 17 li saret Nhar it-Tnejn 5 t' Ottubru 2020:***

**18.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'paġna 4 artiklu 17.3.4 hemm zball u trid tinbiddel u issir kif ġej:

***" Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri talab biex isiru il-linji tal-parkeġġ fi Triq il-Bajtar għaliex qed jkun hemm argumenti bejn ir-residenti u anke abbużi tal-parkeġġ."***

**18.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'paġna 6 artiklu 17.7.7 is-sentenza għandha tiġi kif ġej:

***"Is-Sindku qal li saret laqgħa fuq il-pixxina l-ġdida li fiha ukoll il-Kunsillier John B. Camilleri kien preżenti u kulħadd qal is-suġġerimenti tiegħu. Huwa kompla jispjega illi l-istruttura ta' fuq il-promenade ser tkun tal-ħġieġ u ta madwar 2.1 x 4 metri u l-palm ser jipprovaw jevitaw li jaqalawh."***

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**18.2.3** **Matters arising:**

**18.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artilu 17.2.4 jekk hemm xi update fuq meta ser terġgħa tibda tingħata t-tilqima tal-influwenza

Is-Sindku qal illi Dr Fearne qal illi sa nofs Novembru għandha tasal u terġgħa tibda tingħata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Berġa hux qed tiffunzjoni xorta.

Is-Sindku qal illi m'għandux informazzjoni dwar dan u tajjeb li is-Sur Charlot Mifsud jgħaddi jara għaliex joqgħod viċin u jkun jista jinfurmana.

**18.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 17.3.1 fiex wasal il-bini tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi x-xogħol miexi pero irid jitlesta sal-bidu ta' Frar.

Is-Sindku staqsa x'jiġri jekk ix-xogħol jittardja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu deadline meta jrid joħroġ mill-uffiċini prezenti u f'kaz li x-xogħol ma jsirx fi zmien ser ikollna problema u apparti min hekk ikun hemm bzonn li l-Kuntrattur jestendi il-garanzija bankarja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta min naħa tal-UIF rigward il-fondi tal-bini tal-Kunsill

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv għaddejin b'diskussjonijiet magħhom pero jidher li mixjin

**18.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 artiklu 17.7.3.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-aħħar laqgħa qbilna li nitkellmu mal-Perit fuq sit faċċata tal-Inspire sabiex isir ġnien għaliex il-Kunsill irranġa l-ġonna kollha li għandu fil-prezent.

Dan is-sit ma jidhirx li jista jiġi zviluppat ġo ġnien.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ma għandux post fejn jipproponi bħala open space.

**18.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 17.7.4 u qal illi ġietu din l-ideja li jsir post għal agriturizmu fejn l-ewwel irid isir retaining wall hu qal illi l-Kunsill jista joħroġ expression of interest u min ikun interessat jieħu f'idejh ir-ridott fejn jirranġah umbagħad juzaħ għal skopijiet ta' agriturizmu.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-sid tal-art irid joħroġ expression of interest u mhux il-Kunsill.

Is-Sindku qal illi l-Gvern għandu joħroġ din is-sejħa u tinħadem bil-PPP.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-Kunsill kien diġa talab lill Lands pero ġejna infurmati illi jekk il-Kunsill irid li jsir xi xogħol għandu jitlob sabiex l-art tiġi devoluta lilu.

Is-Sindku qal illi għalhekk hu jissuġerixxi li tohroġ expression of interest għaliex il-Kunsill ma jiflahx għall-ispejjes kbar li tirrikjedi għalhekk il-privat ikun jista jagħmel dan u jutilizza bħala business.

Kien hemm qbil sabiex nitkellmu mal-Lands b'din il-proposta.

**18.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 6 artiklu 17.7.8 u informa lill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon illi kellmuh xi feeders mir-Ramla u talbuh sabiex isiru xi tip ta' qlugh minħabba li l-qtates.

Il-Viċi Sindku qalet illi l-Kunsill għandu cat kennels li għadhom iridu jiġu installati u ser tagħmel mezz li jsiru xi uħud minnhom fl-area tar-Ramla.

**18.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**18.3.1** **<u>My Council App għal Kunsill Lokali Marsaskala (35/372320/I):</u>**

Is-Sindku qal illi TCTC infurmaw lill-Kunsill illi qed iniedu sistema ġdida biex tkun tista tgħin lill-Kunsilli Lokali fix-xogħol ta' kuljum speċjalment dan l-aħħar fejn il-customer care tal-Kunsill qed isiba diffiċli li jlaħħaq mal-ammont ta' telefonati li jirċievi kuljum fejn qed tkun problema biex ir-residenti jirnexxilhom jaqbdu l-uffiċini tagħna kompla jgħid illi kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri tkellem mas-Sur Ray Abela.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi din l-app ser tkun tista tiġi iddisinjata kif jixtieq il-Kunsill kompla jgħid illi fir-rigward ta' ilmenti r-resident ikun jista jaċċessa din l-app jibgħat ritratti kif ukoll jimmarka fuq il-mappa fuq fejn hemm xi mankanzi li jixtieq jilmenta dwarhom,dan jintbgħat dirett lilliskrivana assenjata fuq dak it-tip ta' ilment wara li tintbgħat risposta bl-azzjoni li ttieħdet il-Kunsillier assenjat f'dak id-dekasteru ser ikun infurmat awtomatikament fuq x'azzjoni ittieħdet dan l-ilment wara jiġi immarkat mill-istess skrivana li jkun sar.

Il-Kunsillier Dr Camilleri qal illi b'din l-app jista jkun hemm anke spazju fejn dak li jkun irid formola jafas fuq il-link u tigi downloaded awtomatikament fuq il-mobile.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk ser ikun hemm anke lok li jsiru permessi online kif ukoll bookings tal-Bulky refuse hemm bzonn li issir laqgħa anke mall-Customer care sabiex ikunu jistgħu jgħatu l-input tagħhom fuq x'hemm bzonn li jsir.

Kien hemm qbil li issir laqgħa mas-Sur Ray Abela, il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri kif ukoll il-Customer care.

**18.3.2 <u>Ingaġġ ta' skrivana/telephone operator taħt l-iskema CIES mall-Kunsill Lokali Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din il-ġimgħa ser jiġu intervistati zewġ persuni eliġibbli għal din il-pozizzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ltaqgħet ma missier persuna li kienet mall-Kunsill taħt din l-istess skema fejn saqsija jekk hemmx lok li t-tifla tiegħu tkunx tista tapplika għal din il-pozizzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja infurma illi din l-iskema issa għalqet.

**18.3.3 <u>L-ikla tal-Milied għall-istaff u Kunsillier:</u>**

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu l-ikla tal-Milied għandha titħassar għal din is-sena għax ma jħossx li hu ġust fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha kif ukoll minħabba l-fatt li jekk il-Kunsill mhuwiex jiltaqa ma tagħmilx sens li nmorru għal ikla flimkien.

Kien hemm qbil unanimu.

**18.4 <u>Tweġibiet għall-mistoqijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**18.5 <u>Rapporti:</u>**

**18.5.1 <u>KLM 2020/04 Submission of a low emission second hand van with open box:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill ħareġ is-sejħa għal van għal Kunsill pero ħadd ma tefa l-offerta tiegħu kompla jgħid illi din is-sejħa ħa toħroġ għat tieni darba u jekk xorta ma jkollna l-ebda offerta ser jitlob lid-Dipartiment sabiex ikun jista jtina estenzjoni għal direct order b'valur għola minn €5000.

**18.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa***:

Ma kienx hemm items oħra.

**18.7** **Korrispondenza:**

**18.7.1** **LCF30/2020 Proposed Landscaping at Triq iz-Zonqor (35/3625/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-proġett kellu jsir bil-fondi tal-Ewropa pero meta rċieva korrispondenza mingħand il-Perit Genovese irrejalizza li l-applikazzjoni kienet għal DPF funds u għalhekk hu qed jarraf il-Kunsill illi dan ix-xogħol kellu jsir bil-fondi tal-Ewropa u mhux b'dawk tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir biss bil-fondi tal-Ewropa u mhux b'DPF Funds.

**18.7.2** **Site at Marsaskala Triq is-Salini, Triq il-Baħħara, Triq il-Gandoffli, Triq Nigel Dennis (35/3565/20/I):**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand l-Kuntrattur u l-investitur ta sit li tinsab fi Triq il-Baħħara, Triq is-Salini u Triq il-Gandoffli fejn infurmana illi jixtieq jgħamel emenda fl-applikazzjoni tiegħu li diġa għandu permess għaliha, izda jixtieq illi jgħamel emenda fil-Policy tas-South Local Plans fejn qed jipproponi illi l-Public Open Space li kellu jħalli livell fi Triq il-Baħħara isir fi Triq is-Salini f'medda izgħar u jitfa applikazzjoni ta' bini fi Triq il-Baħħara skond il-bini li hemm ezistenti fl-istess triq.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk din hijiex parti mill-South Local Plan.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi din l-imsemmija applikazzjoni tinsab fil-policy tal-MEPA tas-South Local Plan fejn hemm mnizzel illi l-parti li tmiss ma Triq il-Baħħara trid tibqa kollha Public Open Space peress illi din hija green area ta' madwar 2300 mtrs square, l-izvilupp jekk hux kumerċjali, residenzajali jew turistiku isir min dak il-livell l-isfel. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jgħid ukoll illi fis-South Local Plan hemm mnizzel li l-investitur irid jgħamel aċċess min Triq il-baħħar għal Triq Nigel Dennis.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu jaqbel ma l-izvilupp la darba ma jinqabisx il-livell min Triq il-Baħħara l'fuq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-vantaġġ li hemm huwa li ser tinfetaħ it-triq min Triq Nigel Dennis għal Triq is-Salini u qal li ser isir Ġnien pubbliku isfel minflok fil-livell ta' Triq il-Baħħara li jammonta għal 800mtrs squared. Hu kompla jgħid illi vantaġġ ieħor hu li ser tinbena biss lukanda u mhux residenzjali.

Is-Sindku qal illi importanti li jkun infurmat bid-deċizjonijiet tal-Kunsill għaliex hu qed jattendi għal laqgħa tal-PA u qed ikun parti mil-bord.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi it-talba ta' dawn l-investituri hija li ssir emenda fis-South Local Plan u għaldaqstant jekk il-Kunsill jieħu deċizjoni favur ta' din l-emenda ser ikun qed joħloq preċedent f'siti oħra bħala villa area fi Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li jkun hawn lukanda pero ma kienx infurmat li din qeda l-barra mis-South Local Plan.

Dr Errol jaqbel li dan l-izvilupp isir pero dejjem skond is-South Local Plans.

Il-Kunsill per prinċipju jaqbel ma l-izvilupp ta' lukanda izda għandhom jiġu aderiti l-kundizzjonijiet li hemm fis-South Local Plans u għaldaqstant il-Public Open Space fi Triq il-Baħħara jibqa hekk kif imnizzel fis-South Local Plans.

**18.7.3 Applikazzjoni għal tlett internet keys għal customer care:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill illi hemm bzonn li napplikaw għal tlett internet keys għal ħaddiema tal-customer care peress illi l-pagamenti ser jibdew isiru bis-sistema tal-bank u hemm bzonn li kull skrivana jkollha key għaliha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**18.7.4 Stage 2 proposal (35/3527/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Perit tal-Kunsill isuġġerit illi fil-mument li jsir l-evalwazzjoni għat-tieni stadju tal-bini tal-Kunsill ikollna għajnuna teknika u jkun hemm supervision of works fejn il-Perit ma tkunx tista tiċċertifikhom hi bħal ezempju l-airconditions eċċ għalhekk il-Kunsill ġab kwotazzjoni mingħand kumpanija ta enġinira fejn ser ikunu qed jiċċertifikaw ix-xogħol u jgħamlu site inspections

Is-Sindku qal illi l-prezz huwa kemxejn għoli u staqsa jekk nistgħux ngħaddu mingħajrhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalo illi l-Kunsill jista jġib kwotazzjonijiet oħra forsi ikun hemm varjanza fil-prezz.

Kien hemm qbil li nġibu kwotazzjonijiet oħra.

**18.7.5 Crash Barrier mal-ħajt ta' Dar Frate Jacoba (35/3441/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mingħand Dar Frate Jacoba fejn qed jistaqsu għal għajnuna tal-Kunsill minħabba li għandhom problema fejn il-karozzi qed ikollhom inċidenti u jidħlu fil-gate ta' din id-dar.

Is-Sindku qal illi din il-problema kienet ġiet rizolta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill diġa għamel chevron lights sabiex jipprova jirranġa is-sitwazzjoni kif ukoll talab li TM sabiex jsir crash barrier min naħa tagħhoma pero ma aċċettawx u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jgħamilha min naħa tiegħu ser tkun spiza kbira.

Is-Sindku qal illi ser jerġgħa jkellem lit-TM min naħa tiegħu sabiex ituna l-għajnuna tagħhom.

**18.7.6 Public Consultation re Sant Antnin Waste Treatment Plant – IP0005/13/B:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi bgħatulna il-Wasteserv sabiex jinfurmawna illi hemm bzonn li jiġi estiz l-permess għal-impjant tar-riċiklaġġ għaliex dan jiskadi kull tant snin.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tħoss li għandna naqblu pero nitolbuhom li jsir studju tal-arja min naħa tagħhom.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa għandu persuna li tieħu ħsieb dan għalhekk tajjeb ninfurmaw anke lilu.

Kien hemm qbil unanimu.

**18.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**18.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

Jimmy Muscat – Bulky Refuse – Invoice No 010/20 - €2773.27
Jimmy Muscat- Rimi ta Bulky refuse meta l-impjant kien magħluq - €36.82
Oasis Ironmongery – Consumables- Inoice No 5960-€35.11
Oasis Ironmongery – Consumables – Invoice No 5987 - €38.65

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**18.9** **Mozzjonijiet:**

**18.9.1** **Mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku- is-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (#053-22/10/20):**

*"Tipproponi li ssir Triq il-Bidni bit-tarmak u jsirulha is-servizzi inkluz dak ta' dwal u ilma u drenaġġ."*

Kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lill Arms u WSC sabiex naraw l-ewwel fiex waslu fil-proġett tagħhom.

**18.9.2** **Mozzjoni mressqa mill-Vici SIndku- is-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#054-22/10/20):**

*"Tipproponi li nieħdu parir legali fuq x'tawtorizza l-liġi ezistenti biex tagħti poter il-Kunsill li jnaddaf artijiet privati abbandunati mis-sidien fil-konfini tal-Lokalita', jew minn kuntrattur privat ingaġġat skont ir-regoli tal-finanzjamenti jew permezz ta' MOU mal-entita' governattiva Clean Malta u dan għad-dannu tas-sid. Is-sid jiġi infittex legalment għad-danni wara li jkun avviċinat u avzat li jekk f'terminu stipulat indikat ma jikkoperax u jnaddaf ser isir tindif bla preġudizzju u ser jigu imfittxija għad-danni legalment. F'kaz li dawn jippersistu u ma jħallsux, id-danni jiġu reġistrati fuq il-propjeta'."*

Il-Viċi Sindku qalet illi tajjeb li nkellmu lis-Sur Ramon Deguara sabiex naraw jekk ikunx jista jgħin lill-Kunsill billi jnaddaf is-sit li jkun hemm abbandunat umbagħad la darba jinstab is-sid jew inkella jirrikori biex iħallas xi permessi dan ikollu jħallas għax-xogħol ta' tindif li jkun sar.

Is-Sindku qal illi qabel kienet titwaħħal tabella to the unknown owner.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb naraw tista issir xi bye law min naġa tal-Kunsill fejn nkunu nistgħu nibdw inaddfuhom aħna għaliex dawn qed jidhru koroħ għal lokal tagħna.

Is-Sindku qal illi fiha għandna ndaħħlu l-kumitat ta' riġenerazzjoni.

Dr Errol Cutajar qal illi l-ebda entita mhu ħa tidħol fi propjeta privata u lanqas hija kwistjoni ta' bye law izda hija xi ħaġa li trid toħroġ min naħa tal-Gvern apparti min hekk jekk inkun hemm xi inċident min ser ikun responsabbli?

Il-Kunsill qabel illi nitkellmu mas-Sur Ramon Deguara.

**18.9.3 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar (#055-29/10/20):</u>**

"Jipproponi li l-Kunsill ikomplu l-aħħar biċċa li għad fadal biex isir bit-tarmak fil-Bidni , min Triq iz-Zafran sa fejn diġa tlesta bit-tarmak. Din ilha snin sħaħ biex jitkompla u jitlesta dan ix-xogħol ta' resurfacing fil-Bidni."

Kien hemm qbil unanimu**.**

- Il-Viċi Sindku s-Sinjorina s-Sur Janice Falzon qalet li għalkemm din is-sena ma jistgħux isiru attivitajiet tal-Milied hi tisuġerixxi illi jinxtal aktar dawl fi Triq ix-Xatt fi Ġnien Sant Anna etc u jkun hemm xi sound għaddejj bid-diski tal-Milied.

  Is-Sindku qal illi għada 5 ta' Novembru 2020 għandu laqgha mal-Wasteserv rigward dan u stieden lill-Viċi Sindku sabiex tattendi.

- Is-Sindku informa lill-Kunsill fuq laqgħat li kellu dan ix-xahar waħda minnhom kienet il-laqgħa tal-bord rigward l-alignment ta' Triq Għaxqet l-Għajn fejn hu oġġezzjona hekk kif iddeċieda l-Kunsill.

➢ Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mill laqgħa fit-7:50pm.

- Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mall-MTA rigward ir-riġenerazzjoni tal-pjazza min ħdejn is-Summer Nights sa ħdejn il-knisja.

- Is-Sindku qal li kellu laqgħa mall-Kummissarju u Ministru Abela fuq il-lift tal-għassa tal-Pulizija fejn filfatt Infrastructure Malta diġa applikat għal lift.

**18.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 4 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| SegretarjuEzekuttiv | Sindku |